# Ali Kali

mnebbħa minn
"Ali Baba & the Forty Thieves"

# 1

**Lil Ali Kali** intom ma tafuhx u lanqas jien ma niftakru! Imma darba kont iltqajt ma' wieħed xiħ li kien irrakkontali l-ġrajjiet ta' dan iż-żagħżugħ, li hu kien sema' mingħand nannuh li kien jieħu gost jisma' lil missier missieru jirrakkontalu ħafna stejjer li hu stess kien sema' mingħand wieħed min-nanniet tiegħu! Għalhekk kif tistgħu taraw l-istorja ta' Ali Kali ilha ġejja mingħand wieħed għal għand l-ieħor u jien se nirrakkontahielkom skond kif waslet għandi wara dawn is-snin kollha!

Ali Kali twieled ħafna u ħafna snin ilu f'raħal ċkejken fejn ħafna nies kienu fqar u ma setgħux jgħixu ħajja komda bħal dawk ta' l-ibliet. Id-djar tagħhom kienu żgħar, uħud minnhom kellhom kamra waħda biss u min kellu aktar minn kamra waħda kien tassew xortih tajba.

Dan ir-raħal fejn twieled u għex Ali Kali jinsab f'pajjiż fejn il-klima hija ħanina u t-temp x'aktarx li dejjem sħun. Xita ma tantx tagħmel u fi żmien Ali Kali, in-nies tar-raħal kienu jġibu l-ilma mix-xmara biex jixorbu u jinħaslu. Din ix-xmara tgħaddi eżatt min-nofs ir-raħal. Imma fix-xitwa t-temp jaf ikun xi ftit kiesaħ u n-nies tar-raħal kienu jsaħħnu djarhom billi jaħarqu l-ħatab u l-weraq niexef li kienu jiġbru mill-foresta li hemm qrib ir-raħal. Ħafna mir-raħħala kienu jaqilgħu l-għajxien tagħhom billi jaħdmu xi oġġetti u jmorru jbigħuhom fil-belt jew fis-suq li kien jintrama qrib il-foresta. Xi wħud kienu jiġbru l-ħatab u jbigħuh lin-nies tal-belt li billi ma kinux fqar daqs dawk ta' l-irħula, kienu jippreferu li jixtru l-ħatab milli jmorru jiġbruh huma stess. Imma kien hemm oħrajn li kienu jaqilgħu x'jieklu mod ieħor! Dawn kienu l-ħallelin tal-foresta u ħadd ma kien jaf min huma! U kulħadd kien jibża' minnhom, l-aktar dawk li kienu jgħixu fl-ibliet.

Meta kien għadu żgħir ħafna, Ali Kali kien tilef lil missieru meta dan fettillu jmur fil-foresta biex jipprova jsib fejn il-ħallelin kienu jaħbu dak li jisirqu. Dawn qabduh u qatluh! Għalxejn talabhom biex ikollhom ħniena minnu u jħalluh imur lura lejn id-dar, għax il-ħallelin beżgħu li jikxifhom u ħelsu minnu!

Dakinhar li kien mar fil-foresta, missier Ali Kali kien qal lil martu:

“Ilna żmien twil ngħixu fil-faqar. Wasal iż-żmien li nibdew ngħixu ta’ sinjuri! Billi noqgħod naħdem il-fuħħar u mmur inbigħu għal ftit flus fil-foresta, fejn aħna se nibqgħu. Il-ħatab li niġbor u nbigħ ftit li xejn iħallili qligħ! Ma jistax ikun li nibqgħu sejrin hekk!”

U martu, li ma riditux imur fil-foresta għax kienet qed tobsor li kien se jagħmel xi waħda minn tiegħu, qaltlu:

“U hawn tant nies li huma fqar bħalna! Tajjeb jew ħażin dejjem għexna!”

Iżda missier Ali Kali kien bniedem rasu iebsa! Mhux lakemm iġġiegħlu jbiddel fehemtu! U bla ma qal lil ħadd, lejla waħda telaq fil-foresta deċiż li jwettaq dak li kellu f’rasu. Kellu tama qawwija li fl-aħħar mill-aħħar jaqta’ xewqtu u hu u l-familja tiegħu ma jibqgħux ibatu fil-faqar. Baqa’ miexi sakemm wasal fil-post fejn ħafna kienu jgħidu li l-ħallelin kellhom il-moħba tagħhom bla ma ħadd kien jaf jekk dan kienx minnu jew le. Stenna għal bosta sigħat sakemm il-ħallelin waslu lura mis-serq tagħhom u minn fejn kien mistoħbi missier Ali Kali seta’ jara lill-ħallelin idaħħlu Ðl-moħba dak kollu li kienu serqu. Meta telqu, ħareġ minn fejn kien u mar biex jidħol fil-moħba, iżda ġara li wieħed mill-ħallelin kien reġa’ lura u qabdu fil-fatt!

U missier Ali Kali ma deherx iktar!

Omm Ali Kali stenniet lil żewġha għal ħafna jiem u ġimgħat, iżda dan baqa' ma deherx! U n-nies bdiet taqla' u tivvinta l-istejjer. Kulħadd irid jgħid tiegħu! Min qal li kien ħarab mir-raħal, min qal li kien mar fil-foresta u waqa' ġo ħofra kbira, min qal li kienet qabditu ajkla kbira u ħaditu fuq il-muntanja u min qal ħaġa u min qal oħra. Imma ħadd ma kien jaf il-verità! Martu kienet tobsor x'seta' ġara minn żewġha iżda qatt ma qalet xejn.

Fl-aħħar omm Ali Kali qatgħet qalbha għal kollox li żewġha għad jerġa' lura u kellha tara x'tagħmel biex taqla' l-flus ħalli tgħix hi, u trabbi lil binha li kien għadu ċkejken. Hi kellha tama li meta binha jikber, jibda jaħdem hu minflok missieru. Iżda kemm marret imqarrqa! Ali Kali kien għażżien u qatt ma ħabbel rasu biex ifittex ix-xogħol. U ommu kienet dejjem tgħidlu:

"Ma jmissekx tistħi, qatt ma trid tagħmel xejn! Xejn ma ħriġt tixbah lil missierek! Miskin, kemm kien jaħdem!"

U hekk kif tiftakar f'żewġha, kienet tibda tibki.

"Imma ma," kien jgħidilha Ali Kali, "jekk immur naħdem ma nkunx nista' ngawdi s-sbuħija tan-natura!"

Daqshekk kien jirraġuna Ali Kali! L-akbar gost tiegħu kien li jmur fil-foresta u hemm joqgħod jitgħaxxaq bis-sbuħija tan-natura. Kien iħobb imur fil-foresta hekk kif

tinżel ix-xemx u hemm mixħut wiċċu 'l fuq, mimdud fuq il-ħaxix jew fuq xi zokk ta' siġra kien jogħxa jħares lejn il-kwiekeb ileqqu fis-smewwiet qishom lanterni. Ħbieb kellu wkoll tafux! Imma l-akbar ħbieb tiegħu ma kinux in-nies tar-raħal! Kienu l-annimali li hu kien tant iħobb! Mhux l-annimali biss iżda kull ma kien hemm fil-foresta – il-ħxejjex, il-pjanti, l-insetti, l-għasafar, l-ilma tan-nixxiegħa u l-fjuri. Kienu jieħu gost jara dawk il-qatriet tan-nida filgħodu kmieni qishom djamanti jleqqu fuq il-weraq sakemm terġa' titla' x-xemx u tixrobhom fi ħdanha. Ali Kali kellu xewqa kbira. Tafu x'kienet? Ali Kali kien dejjem joħlom li għad jiżżewweġ tfajla sabiħa, anzi l-isbaħ tfajla tad-dinja! Ma kienx jaf min hi jew fejn seta' jsibha iżda kien jaf li xi darba dan il-ħsieb għad iwettqu! Kuljum kien jaħseb fuqha u b'hekk kien iħossu kuntent, jgħix il-ħolma kbira li kellu.

Fi triqtu mid-dar lejn il-foresta kien jibda jkanta waħda mill-għanjiet favoriti tiegħu. U meta kien jibda jkanta, l-insetti u l-għasafar kienu jinġabru madwaru u joqogħdu jisimgħuh ikanta din l-għanja:

*Jien Ali Kali, fqajjar u msejken,*
*dejjem inbati, kont għadni ċkejken!*
*Ix-xogħol naħarbu, titkażawx bija,*

*għax lili jqabbad xi allerġija!*
*Ommi tgħajjarni li jien għażżien,*
*'ma dan mhux minnu, ngħidilkom jien!*
*Jekk immur naħdem, tkun ħaġa tqila*
*li ngawdi l-arja taħt xemx qalila,*
*għax in-natura hi tant sabiħa,*
*tal-fjuri nogħxa, inxomm ir-riħa!*
*Iż-żiffa ħelwa, minn qalb il-friegħi,*
*lili thennini, żgur taqblu miegħi!*
*Imbagħad xi ngħidu, għall-annimali,*
*dawna ħbieb tiegħi, jaħsbuha bħali!*
*Magħhom niltaqa', ġewwa l-foresta,*
*hemm żifna nagħmlu, qisna f'xi festa.*
*Biex qalbi dejjem, tibqa' ferrieħa,*
*nixtieq niżżewweġ, tfajla sabiħa!*

Kien il-Ħadd filgħaxija u Ali Kali kien għadu kif kiel. Wara li xorob xi ftit ilma frisk, Ali Kali niżżel rasu fuq il-mejda u raqad sakemm ommu ħarġet u marret għand il-ġara. Meta ġiet lura u sabitu rieqed tgħidx kemm bdiet tgħajjat miegħu u kważi qalbitu minn fuq is-siġġu.

"Bil-mod ma! Kemm se tgħajjat! Taf li qajjimtni!" qalilha Ali Kali hekk kif qam maħsud mill-għajat t'ommu.

"U x'ma ngħajjatx, ma ngħajjatx. Mela miegħek tista'